# 31. Lil Missieri

Għalkemm int mitt, inħossok qed tgħix fija:
inħoss imħabbtek lejn il-proxxmu tiegħek,
ħerqietek mhux għall-flus iżda għall-bżulija,
u għax fix-xogħol kont tħoss lil Alla miegħek.

Għalkemm int mitt, inħossok qed tgħix fija:
fit-tempesti ta' ħajti qawwiet driegħek
inħoss qed tmexxi t-tmun kollok qlubija
fis-sittin sena twal ta' baħar tiegħek.

Issa nixtieq immut il-mewt sabiħa
illi mitt int, mimlija kollha sabar,
fil-ħdan ta' wliedek u ta' martek xiħa;

Nixtieq illi nindifnu fl-istess qabar
mgħasses minn Kristu b'ħuġbejh sbieħ daħqana
qed jaħfer kollu ħniena d-dnubiet tagħna.